MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 84/2013

**Go plc**
**C 22334**
**Vs**
**Martin Alfred**
**ID No. 828153M**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 t'April, 2013 fejn is-socjeta' attrici tablet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija sebgha u sebghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€577.73) in konnessjoni ma' diversi servizzi (*AC40055159)* u li jinkludu telefon *21577868*; servizz ta' televisjoni *1425032528 u 1425032794,* u servizz ta' internet, liema servizzi gew ikkuntrattai permezz ta' diversi kuntratti hawn riprodotti.
Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.
Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013 u lanqas ghas-seduta ta' llum.
Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija sebgha u sebghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€577.73) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------